# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111    Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt    Website : www.gharghur.gov.mt**

## MINUTI

Laqgħa b'URĠENZA tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 07

Data tal-laqgħa:  27 ta' Novembru, 2024

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Novembru 2024  fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli **(SKUŻATA)**<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**07/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**07/01/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet fuq il-mejda ittra t'apoloġija tas-Sa Mariah Meli.

**07/01/02** Il-Kunsilliera approvaw din l-ittra t'apoloġija.

**07/02** **SPI/SCI/8/2024 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025**

**07/02/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda l-iskema finanzjarja li dan il-Kunsill kien irċieva mingħand id-Diviżjoni għal Gvern Lokali nhar il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2024.

**07/02/02** Is-Sa Galea spjegat li peress li d-data ta' l-għeluq għal din l-applikazzjoni kienet għal nhar it-Tnejn 2 ta' Diċembru 2024 u peress li din l-iskema ma ġietx diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali preċedenti, kellha tiġi msejħa laqgħa b'urġenza sabiex tiġi diskussa u approvata mill-Kunsilliera.

**07/02/03** Is-Sa Galea ressqet fuq il-mejda komunikazzjoni mingħand is-Sa Mariah Meli b'ideat ta' x'jistà jkun inkluż f'din il-proposta peress li ma setgħetx tattendi din il-laqgħa.

**07/02/04** Is-Sindku, Helen Gauci, spjegat kif filwaqt li hi taqbel mal-maġġoranza tas-suġġerimenti mressqa mis-Sa Meli, hi esprimiet kif ix-shelter mgħandux jintuża għal din l-attività peress li diġa

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

nżammet l-attività tal-*Halloween* u ser tkun qed tinżamm l-attività tal-Milied ukoll. Hi ssuġġeriet sabiex din l-attività tinżamm fil-pjazza tal-Għargħur.

**07/02/04** Is-Sa Gauci spjegat li hu qablet ukoll mas-suġġeriment tas-Sa Meli fejn għandha kompetzizzjoni għal-karrijiet żgħar tal-Karnival magħmula minn skart riċiklat.

**07/02/05** Il-Kunsilliera, is-Sa Hassan, ressqet suġġeriment sabiex matul il-ġranet tal-Karnival, tinżamm sessjoni tat-tisjir għat-tfal fuq xi ħaga relatat mat-tema, bħal prinjolata jew kannoli.

**07/02/06** Is-Sindku issuġġeriet li din is-sessjoni tinżamm fis-sala tal-Kunsill minħabba l-permess tas-sanità.

**07/02/07** Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

**07/02/08** Il-Viċi Sindku, is-Sa Attard, issuġġeriet id-daqq tat-terramaxka, tiġi kkuntatjata l-banda tal-Għ argħur biex jallegraw l-attività kif ukoll sabiex il-Kunsill jesplora l-idea li il-kumpanija tat-teatru, Dwal Ġodda, jara jkun interessat li jtella xi skeċċ simili bħal tal-qarċilla jew xi sketches oħra tad-dahq.

**07/02/09** Is-Sa Attard issuġġeriet ukoll sabiex il-Kunsill jara jekk l-għaqdiet ikunux interessati li jibdnu karru żgħir flimkien għal dan iż-żmien jew naraw jekk ikunx hemm kumpanija tal-karnival li jkunu jistgħu jġibu karru żgħir fil-pjazza kif ukoll xi kumpaniji taż-żfin.

**07/02/10** Is-Sindku qalet kif fis-sena preċedenti l-Kunsill kien ġab lil 'Big Friends Guggen Musik Malta' u kif għalkemm mhux irħisa, kienu għamlu atmosfera sabieħa fil-pjazza. Għal din ir-raġuni, s-Sa Gauci staqsiet jekk il-Banda tkunx tistà ddoqq mużika relatata mal-karnival u jekk il-bandisti jkunux jistgħu jilbsu kostum tal-karnival.

**07/02/11** Is-Sa Attard qalet li l-banda m'għandiex issib diffikulta dwar dan is-suġġeriment u hi ser tkun qed titlob kwotazzjoni għal dan is-servizz.

**07/02/12** Is-Sa Galea fakret lill-membri li l-applikazzjoni jrid ikollha isem, data u ħin.

**07/02/13** Il-Kunsilliera preżenti qablu sabiex l-attività tinżamm nhar it-Tnejn 3 ta' Marzu 2024, fis-7 ta' filgħaxija. Is-sessjoni tat-tisjir ser tkun qed issir is-Sibt 1 ta' Marzu 2024.

**07/02/14** ***5:50pm - Il-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, wasal għal din il-laqgħa.***

**07/02/15** Is-Sindku aġġornat lis-Sur Fenech dwar dak kollu li kien ġie diskuss u maqbul sa' dak il-ħin.

**07/02/16** Is-Sur Fenech qabel ma dik li kien ġie deċiż u semma kif l-antik il-Każin tal-Banda kien jgħamel brass band quddiem il-każin, jgħamlu kompetizzjoni għall-aħjar kostum u kienu jitkelmu mal-Pampalun sabiex jiġu bil-karru u żfin.

**07/02/17** Kien hemm qbil ukoll sabiex għaż-żewġ kompetizzjonijiet il-ġurija mqabda tkun barra mill-lokal u forsi tiġi avviċinata l-iskola tal-primarja forsi xi ħadd mill-għalliema jkunu ġurija.

**07/02/18** Il-Kunsilliera qablu mal-punti kollha msemmija u l-uffiċċju ser ikun qed jieħu ħsieb titlesta l-applikazzjoni sabiex tiġi sottomessa flimkien mad-dokumenti meħtieġa sad-data ta'l-għeluq.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**07/03 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**07/03/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:10p.m. u d-deputat Segretarju Eżekuttiv fakret lill-Kunsilliera kif il-laqgħa li jmiss hija skedata għal nhar l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru 2024 fil-5:30p.m.

**IFFIRMATA**

**Helen Gauci**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**